10 ta' Ġunju, 1949.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.
Alfredo Mifsud *versus* Gaetano Azzopardi

**Ritrattazzjoni — Kontumaċja — Falz — Stima ta' Perit — Dokumenti — Provi — Art. 962 (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-kelma "falz" tfisser, fis-sinifikat estiż tagħha, kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwalsijasi mezz.*

*Il-falz bħala oġġett tad-dritt ċivili jassumi karattru differenti mill-falz bħala oġġett tad-dritt kriminali. Għalhekk, mentri fil-kamp kriminali jeħtieġ, biex ikun hemm il-falz, barra mill-fatt materjali tas-soppressjoni, mutazzjoni jew alterazzjoni, anki l-element soġġettiv, jiġifieri l-kuxjenza u l-volontà tal-falsità, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed l-element oġġettiv tal-falsità indipendentement mill-volontà ta' l-aġent.*

*L-inkorrettezzi u ineżattezzi ta' dokumenti, bħal ma hija stima ta' perit konfermata bil-ġurament ta' l-istess perit, li fuqha l-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, huma żbalji "di fatto", u mhux provi foloz li jikkostitwixxu motiv ta' ritrattazzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk il-konvenut ikun baqa' kontumaċi f'kawża, u l-Qorti tkun tat is-sentenza tagħha bażata fuq relazzjoni ta' perit li l-konvenut jippretendi li hija inkorretta u ineżatta, u intqal huwa ma appellax minn dik id-deċiżjoni, ma jistax jitlob dikjarazzjoni ta' falsità tal-prova magħmula b'dik ir-relazzjoni bħala miżura preordinata għar-ritrattazzjoni tal-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fil-kawża fl-ismijiet inversi, maqtugħa minn dina l-Qorti fis-27 ta' April 1949, ġie deċiż in konformità mad-domandi tal-konvenut, bl-ispejjeż, u l-attur ġie konsegwen-

tement kundannat iħallas lill-konvenut is-somma ta' £32. 9. 3, in kwantu għal £30. 14. 3 valur ta' appoġġ tad-dar numru 63, Triq Atocia, il-Hamrun, skond relazzjoni "ex parte" ta' l-Arkitett u Inġinier Ċivili Charles Cumbo (dok. "A" f'dik il-kawża) li ġiet minnu konfermata bil-ġurament fis-seduta miżmuma f'dik il-kawża fis-27 ta' April 1949, u in kwantu għal £1. 15. 0 bħala nofs id-dritt professjonali tal-perit li għamel l-istima (dok. "B" ta' dik il-kawża); u billi r-relazzjoni fuq imsemmija tal-perit Cumbo hija falza, kif jidher mir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Edwin England Sant Fournier (dok. "A") annessa maċ-ċitazzjoni u għar-raġunijiet oħra li jirriżultaw 'il quddiem; u billi fil-5 ta' Mejju 1949, il-konvenut, in eżekuzzjoni tas-sentenza fuq riferita, tas-27 ta' April 1949, ħa kontra l-attur l-ispedizzjoni tal-mandat ta' qbid għall-ammont ta' £37. 9. 10, kwantu għal £32. 9. 3 sorte fuq imsemmija u kwantu għal £5. 0. 7 għall-ispejjeż tal-kawża — liema ammont ta' £37. 9. 10, oltre l-ispejjeż tal-mandat, ġie konsenjat mill-attur lill-marixxall biex jibqa' in depożitu taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti; jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi l-prova kostitwita mid-depożizzjoni Charles Cumbo, A.I.C., u għall-bżonn mir-relazzjoni ta' l-istess perit, minnu konfermata bil-ġurament, hija falza: u stante li dina d-dikjarazzjoni hija preordinata għall-ġudizzju ta' ritrattazzjoni tal-kawża fuq imsemmija, jiġi ordnat minn dina l-Qorti li d-depożitu magħmul mill-attur wara l-mandat ta' qbid fuq riferit ma għandux jibqa' taħt l-awtorità tal-Qorti għall-finijiet ta' l-artikolu Proċedura Ċivili. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża l-oħra jidher li l-konvenut għamel kawża lill-attur tal-lum għad-dritt ta' l-appoġġ hemm imsemmi, u f'dik il-kawża eżibixxa relazzjoni tal-perit Cumbo, li ġiet minnu maħlufa. L-attur tal-lum f'dik il-kawża baqa' kontumaċi u ġie kundannat, wara li nstemgħu l-provi. Milli jidher l-attur ma appellax ruħu minn dina l-kawża, u l-konvenut talab l-eżekuzzjoni tagħha b'mandat maħruġ minn dina l-Qorti tal-5 ta' Mejju 1949. Kif l-attur irċieva dana l-mandat, iddepożita l-ammont karonizzat u l-ispejjeż ħalli jibqgħu

"in banco", u ta l-inkariku lill-perit England Sant Fournier sabiex jagħmillu stima ta' dak l-appoġġ; u dan l-aħħar perit imsemmi, bir-relazzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 1949 għamel ir-relazzjoni Dok. 4 eżibita in atti, li ma taqbel ma' dik tal-perit Cumbo eżibita fil-kawża l-oħra;

Tikkunsidra;

Illi huwa ċar illi kieku l-attur tal-lum ma baqax volontarjament kontumaċi fil-kawża l-oħra, dina l-kawża ma kienetx issir, l-għaliex kwalunkwe diskussjoni "di fatto" u "di diritto" kienet tiġi minnu avanzata f'dak il-proċediment, u dina l-Qorti di fronti għall-provi li kellha ma setgħetx materjalment u loġikament tippresupponi l-aggravji allegati di fronti għall-fattijiet pruvati mill-attur f'dik il-kawża;

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni li qiegħed jipprommwovi l-attur tal-lum hija bażata fuq il-falsità tad-depożizzjoni tal-perit Cumbo, u għal bżonn fuq ir-relazzjoni tiegħu, għall-finijiet u effetti kontemplati fl-art. 962 (g) u bħala preordinata għal kawża ta' ritrattazzjoni tal-proċess fuq imsemmi;

Illi l-kelma "Falz" ("falso") fl-aktar sinifikat estiż tagħha tindika kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwalunkwe u kwalsijasi mezz. Huwa indubbjament oġġett tant tad-dritt ċivili u tal-proċeduri ċivili kemm ukoll tal-Kodiċi Kriminali, sostanzjali u proċedurali, imma f'dawk iż-żewġ kodiċijiet l-istess falz jassumi karattri differenti. Ġuridikament il-falz jiddistingwi ruħu essenzjalment f'żewġ speċi, u ċjoè l-falz materjali u l-falz intellettwali jew ideali. Kanċellatura, alterazzjoni u mutazzjoni ta' att veru, jew parti jew partijiet minnu, jew inkella kompożizzjoni sħiħa ta' att li huwa falz, jikkostitwixxu l-falz materjali; mentri dak li jirrigwarda l-espożizzjoni ta' l-att ċirka l-fattijiet jew dikjarazzjonijiet li ma jeżistux jew ma jissussistux, jew li mhumiex konformi għall-verità, jissejħu u jikkostitwixxu l-falz immaterjali jew ideali jew intellettwali. Kwalunwe dokument, att publiku jew skrittura privata, jista' jkun assoġġettat jew soġġett għal totali jew parzjali alterazzjoni fil-forma tiegħu jew fis-sustanza tiegħu;

M'hemmx bżonn jingħad li fil-kamp penali, fil-falz, biex isehħ bħala reat, irid ikun hemm l-element oġġettiv (il-ma-

terjalità (al-fatt) akkoppjat ma' l-element soggettiv (volontà u koxjenza ta' l-agenti sabiex ikun jista' jigi imputat lil min jagħmlu); mentri l-falz ċivili huwa biss kunsidrat mill-punto di vista ta' l-element obbjettiv tiegħu; u dana l-għaliex l-iskop li huwa prefiss mill-proċedura penali huwa differenti minn dak prefiss minn dik ċivili. "È necessario nel giudizio penale considerare il falso sotto questo duplice aspetto, perchè la giustizia punitiva non può considerare il fatto materiale indipendentemente dalla volontà e dalla coscienza dell'agente; volontà e coscienza che costituiscono appunto la sua responsabilità. Al contrario, il falso nel giudizio civile si considera indipendentemente dalla volontà di colui che lo ha commesso, vale a dire, lo si prende astrazione fatta dallo elemento subbiettivo o intenzionale................ La giustizia punitiva non può mettersi in moto se non vi è un delinquente responsabile; quindi la necessità di assodare bene l'elemento intenzionale costituente appunto il dolo dell'agente. La procedura civile invece non va in traccia del reo; essa si preoccupa soltanto di respingere un mezzo che nuoce alla scoperta del vero, e che può indurre il giudice a ritenere, in tutta buona fede, la falsità in luogo della verità; questa perciò cammina diretta al suo scopo, senza curarsi d'indagare la volontà di colui che diede vita al falso" (ara Ricci, Procedura Civile, Volume II, p. 244, 245, 246; u Annali Cassazione Torino, 31 Maggio 1877, Volume XII, Parte I, pag. 437);

Tikkunsidra;

Illi wara li ntqal dan li fuq ġie premess, jingħad li għalkemm l-attur qiegħed jibbaża l-falsità fuq il-prova kostitwita mid-depożizzjoni tal-perit Cumbo, u anki għall-bżonn fuq ir-relazzjoni peritali tiegħu, fil-fatt u anki virtwalment dik id-depożizzjoni ma hix ħlief il-konferma bil-ġurament ta' dik ir-relazzjoni u li fuqha, in kwantu konfermata bil-ġurament, dina l-Qorti ibbażat id-deċiżjoni tagħha;

Illi dik ir-relazzjoni mhix attakkata fil-materjalità tagħha kif fuq ġie spjegat, iżda hija qiegħda tiġi attakkata bħala falza in kwantu in sostanza ma taqbelx mar-relazzjoni dok "A" preżentata mill-attur ma' l-att taċ-ċitazzjoni u kif spjegat fid-dikjarazzjoni ta' l-istess attur; l-għaliex hija bażata

fuq qisien u kalkoli erronei li huma diversi minn dawk tad-dokument "A" eżibit mac-citazzjoni;

Iżi l-fatt li l-fattijiet a bażi tal-perizja Cumbo ma jik-korrispondux għal dawk tal-perizja England Sant Fournier jistgħu jikkostitwixxu kontestazzjoni tal-fattijiet, imma mhux fattijiet u dikjarazzjonijiet mhux konformi għall-verità; u bħala tali ma jistax jingħad li huma foloz. Kieku l-attur de-her fil-kawża l-oħra u ssottometta t-teżi tiegħu dwar il-fatti-jiet, l-istess kienu jistgħu jiġu stabbiliti anki per mezz ta' perizja oħra; imma huwa naqas milli jidher jikkontrobatti l-fattijiet pruvati mill-kontroparti, u dina l-mankanza ma tistax tagħtih pretest biex jintenta kawża preordinata għar-ritrattazzjoni għall-finijiet ta' l-istess ġudizzju ta' ritrattaz-zjoni, apparti r-rimedju ta' l-appell li huwa dwaru ħalla li t-terminu tiegħu jgħaddi (ara Vol. VI, paġina 692, Prim'Aw-la Civili, 22 ta' Novembru 1873, "Pullicino vs. Pirotta ne.");

Tikkunsidra;

Illi apparti l-fatt jekk il-fattijiet tal-perizja Cumbo hu-miex jew le aktar jew anqas korretti minn dawk ta' u a bażi tal-perizja England Sant Fournier, jingħad li ġie deċiż li l-inkorrettezzi u ineżattezzi ta' dokumenti ma jikkostitwix-xux motiv tar-ritrattazzjoni għall-finijiet ta' l-art. 962 (g) tal-Proċedura Ċivili (ara Vol. XXVIII — I — 658, Appell 12 ta' Ottubru 1931, in re "Dr. Filippo Nicolò Buttigieg ne. vs. Angelo Grima");

Illi l-erruri ta' kalkolu u ta' qisien huma żbalji (errori) "di fatto" li setgħu jidhru lill-attur kieku deher fil-kawża fejn seta' jiddenunzjahom; u jekk dan ma għamilux, "impu-tet sibi" l-iżbal li qiegħed jallega li sar fil-konfronti tiegħu, u li huwa qiegħed igħid li sejjer isofri;

Illi kwindi t-talba attriċi mhix sostenibili;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż;

---